# ĦADD IL-KELMA TA’ ALLA

26 ta’ Jannar 2025




IL-ĦADD TAL-KELMA TA’ ALLA

be HOLD

MALTA BIBLE FOUNDATION

# Kontenut


02 Barka tal-Letturi

03 Talb tal-Interċessjoni

04 Lectio Divina

09 Adorazzjoni Ewkaristika




# *Barka tal-Letturi*

**Saċerdot:** Għeżież, dawn il-parruċċani għandhom il-privileġġ kbir li jipproklamaw il-Kelma ta' Alla fil-ġemgħa tagħna. Permezz tagħhom, Alla jkellem lill-poplu tiegħu dwar is-salvazzjoni u l-fidwa li ġabilna l-Mulej Ġesù. Din il-Kelma se ssaħħaħna biex nikbru fl-imħabba u fl-għarfien ta' Alla.

Intom għandkom is-sejħa biex ixxandru l-Kelma ta' Alla lill-komunità miġbura tal-poplu tiegħu. B'dan il-mod qed tieħdu sehem fil-missjoni tal-Knisja li xxandar l-Aħbar it-Tajba lil kulħadd. Ħa tkun il-Kelma ta' Alla ħajja u attiva f'ħajjitkom, biex tistgħu tqimu lil Alla fl-ispirtu u l-verità. Filwaqt li xxandru l-Kelma ta' Alla lill-oħrajn, ilqgħuha wkoll f'qalbkom bil-qalb miftuħa għall-Ispirtu s-Santu. Immeditaw fuqha ta' spiss, biex kuljum tikbru fl-imħabba għall-Iskrittura u b'ħajjitkom turu lid-dinja lil Ġesù Kristu, is-Salvatur tagħna.

*Il-kandidati joqogħdu quddiem iċ-ċelebrant li jistaqsihom:*

**Saċerdot:** Tridu taqdu bħala Ministri tal-Kelma u xxandru l-Kelma ta' Alla lill-poplu miġbur f'din il-knisja?

**Kandidati:** Iva.

**Saċerdot:** Lesti li timpenjaw ruħkom kull darba li xxandru l-Kelma ta' Alla, fl-għarfien u bit-talb tal-Kelma ta' Alla?

**Kandidati:** Iva.

**Saċerdot:** Ejjew nitolbu lil Alla Missierna ħanin biex ibierek lil ħutna magħżulin biex ixandru l-Kelma tiegħu.

O Alla, bil-Kelma tiegħek aħna nsostnu l-fidi tagħna fik. Għin lil dawn il-qaddejja tiegħek jikbru fil-fidi meta jaħsbu u jirriflettu fuq il-Kelma tiegħek, biex ikun jistħoqqilhom ixandruha b'qalb ħajja lill-ġemgħa, kif ukoll bl-eżempju ta' ħajjithom. Bi Kristu Sidna.

**Kulħadd:** Ammen.

# *Talb tal-Interċessjoni*

**Introduzzjoni:**
Imseddqa bil-Kelma tiegħu u msejħin biex inkunu dixxipli ta' Kristu, ejjew nitolbu flimkien:

**Għall-Knisja:**
Biex, imsaħħa fil-Kelma ta' Alla, tkompli tibni l-Ġisem ta' Kristu u taħdem għall-ġid ta' kulħadd.

Nitolbu. ***R/. Ismagħna, nitolbuk, Mulej.***

**Għall-mexxejja Nsara:**
Biex jimxu fit-triq tal-Mulej u jinkoraġġixxu lil oħrajn biex jagħmlu l-istess.

Nitolbu. ***R/. Ismagħna, nitolbuk, Mulej.***

**Għall-paċi fost il-ġnus:**
Biex Alla jdawwal id-dinja kollha, speċjalment fejn hemm diviżjoni u gwerra.

Nitolbu. ***R/. Ismagħna, nitolbuk, Mulej.***

**Għal dawk li jgħallmu u jippritkaw il-Kelma ta' Alla:**
Biex kliemhom isaħħaħ il-fidi ta' dawk li jisimgħu u jgħinhom jafdaw fil-wegħdiet ta' Alla.

Nitolbu. ***R/. Ismagħna, nitolbuk, Mulej.***

**Għal din il-komunità:**
Biex inħallu l-Kelma ta' Alla ddawwal qalbna u tagħtina l-kuraġġ biex insegwu lil Ġesù b'aktar fedeltà.

Nitolbu. ***R/. Ismagħna, nitolbuk, Mulej.***

**Għall-għaqda bejn il-Knejjes Insara:**
Biex Alla jeħlisna mill-feriti u l-weġgħat tal-passat, sabiex naħdmu flimkien bħala familja waħda.

Nitolbu. ***R/. Ismagħna, nitolbuk, Mulej.***

*Fejn il-qarrejja jiġu mbierka, it-talba tal-aħħar fit-Talba tal-Fidili tkun it-talba ta' barka msemmija hawn fuq.*

# *Lectio Divina*

## It-Tielet Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena Ċ

**Talba tal-Bidu**
Mulej Ġesù, Kelma li saret laħam, kun preżenti miegħi llum hekk kif niltaqa' mal-Kelma miktuba. Iftaħli widinti biex nisma' l-messaġġ li ħejjejt għalija. Iftaħli għajnejja biex nara l-imħabba tiegħek taħdem f'ħajti. Tħallinix ninqabad fl-għarfien dgħajjef tiegħi, fil-preġudizzji u l-kburija tiegħi, imma għinni nżomm qalbi miftuħa għall-gwida tal-Ispirtu tiegħek. Agħtini l-barka li nkun dixxiplu fidil li jimxi dejjem wara kelmtek, u li nkun dawl jiddi qalb dawk kollha li huma fid-dlam. Ammen.

**Lectio**
Luqa 1, 1-4; 4, 14-21

**Luqa 1**

[1]Bosta kienu dawk li ħadu f'idejhom ix-xogħol li jiġbru bl-ordni f'rakkont
wieħed il-ġrajja li seħħew fostna, [2]kif għaddewhom lilna dawk li sa
mill-bidu rawhom b'għajnejhom stess u saru ministri tal-kelma. [3]Hekk ukoll
jien, għażiż Teofilu, wara li bir-reqqa kollha qgħadt infittex it-tagħrif dwar
kulma ġara sa mill-bidu nett, deherli li għandi niktiblek kollox ħaġa b'ħaġa,
[4]biex tagħraf sewwa l-verità sħiħa dwar kulma tgħallimt.

**Luqa 4**

[Jum wieħed,] [14]Ġesù, bil-qawwa tal-Ispirtu, reġa' mar il-Galilija; u
l-fama tiegħu xterdet ma' dawk l-inħawi kollha, [15]għax hu kien jgħallem
fis-sinagogi tagħhom fost it-tifħir ta' kulħadd. [16]U ġie Nazaret fejn kien
trabba. Daħal fis-sinagoga tagħhom, kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt,
u qam biex jaqra. [17]Tawh f'idejh il-ktieb ta' Isaija l-profeta, fetħu u sab fejn
kien hemm miktub dan li ġej:

> [18]'L-Ispirtu tal-Mulej fuqi,
> għax hu kkonsagrani.
> Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin,
> inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin,
> u d-dawl mill-ġdid lill-għomja,
> irrodd il-ħelsien lill-maħqurin
> [19]u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej.'

[20]Imbagħad raġa' għalaq il-ktieb, tah lura lill-qaddej u qagħad bilqiegħda.
Għajnejn kulħadd fis-sinagoga kienu msammra fuqu. [21]U beda jgħidilhom:
"Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu."




**Ħsieb Qasir**
Il-qari tal-Evanġelju tal-lum jgħaqqad żewġ siltiet separati meħuda mill-Evanġelju skont San Luqa.

L-ewwel nisimgħu l-versi tal-bidu fejn Luqa jistabbilixxi l-iskop tal-Evanġelju tiegħu. L-istil tiegħu huwa tipiku tal-letteratura Griega u Rumana. F'din is-silta, nitgħallmu li Luqa seta' kiteb lil persuna speċifika, Teofilu. Iżda l-kelma Teofilu tista' tkun ukoll referenza ġenerali, bħall-frażi 'għażiż qarrej' fil-kitba kontemporanja. Bil-Grieg, il-kelma Teofilu tittraduċi wkoll bħala 'maħbub minn Alla'.

L-Evanġelju tal-lum imbagħad jaqbeż diversi kapitli li fihom wieħed isib l-istejjer tat-tfulija ta' Ġesù, il-magħmudija tiegħu minn Ġwanni, it-tentazzjonijiet fid-deżert, u l-bidu tal ministeru pubbliku tiegħu. Fir-raba' kapitlu tal-Evanġelju ta' Luqa, nisimgħu li Ġesù jinsab f'belt twelidu – Nazaret. Hekk kif Ġesù jidħol fis-sinagoga, skont id-drawwa tiegħu, jaqra mill-ktieb tal-profeta Isaija. F'dan il-perjodu bikri fil-ministeru tiegħu, Ġesù jħabbar il-missjoni tiegħu f'kontinwità mat-tradizzjoni profetika ta' Iżrael. Dan il-qari minn Isaija jiddefinixxi l-ministeru ta' Ġesù: li l-bxara t-tajba titħabbar lill-foqra, il-ħelsien jingħata lill imjassrin, il-fejqan lill-morda, il-ħelsien lill-maħqurin, u x-xandir tas-sena tal-grazzja tal-Mulej.

Permezz ta' dan it-test minn Isaija, Ġesù jħabbar is-salvazzjoni ta' Alla. Is-"sena tal-grazzja tal-Mulej" hija referenza għat-tradizzjoni Lhudija tas-sena ta' mistrieħ u l-ġublew (ara Lev 25). Is-sena ta' mistrieħ kienet imħarsa kull seba' sena. Kienet sena li fiha l-art titħalla mhux maħduma u l-provisti tal-ikel kellhom jinqasmu b'mod ugwali ma' kulħadd. Sena ta' ġublew kienet iċċelebrata kull ħamsin sena fi tmiem seba' ċikli ta' snin ta' mistrieħ. Kienet sena ta' tiġdid li fiha d-djun jiġu maħfura u l-ilsiera meħlusa.

Ġesù mhux biss iħabbar is-salvazzjoni ta' Alla permezz tas-sena tal-ġublew, imma jġib din is-salvazzjoni fil-persuna tiegħu. Ġesù huwa l-Midluk ta' Alla, mimli bl-Ispirtu tiegħu. Is-Saltna ta' Alla issa tinsab fil-qrib. Hija magħmula preżenti f'Ġesù, fil-ħajja, fil-mewt, u fil-qawmien tiegħu. Ġesù se jibgħat l-Ispirtu s-Santu biex is-Saltna ta' Alla tkun tista' titwettaq. Dan it-twettiq tal-profeziji fil-persuna ta' Ġesù jseħħ 'illum', kelma b'importanza partikolari fl-Evanġelju skont San Luqa. L-eseġesi li jagħmel Ġesù nnifsu fuq Isaija 61 hija eżempju ta' attwalizzazzjoni li tirrikorri għal siltiet tal-Iskrittura biex titfa' dawl fuq is-sitwazzjoni preżenti u tikxef il-preżent Messjaniku. Fis-sinagoga ta' Nazaret, għaldaqstant, insibu t-tweġibiet fundamentali tal-bniedem li jgħix fl-istennija li jikseb is-salvazzjoni. Ġesù huwa mibgħut minn Alla u huwa sostnut mill-Ispirtu. Fih, il-Midluk ta' Alla, titwettaq l-Iskrittura. Ġesù hu l-illum ta' Alla li jwettaq l-istorja passata. Hu l-illum li jinbidel fl-għada li hi l-Knisja, li hi wkoll mibgħuta bħala Kelma profetika, sostnuta mill-Ispirtu.



# *Meditatio*

***Wara li bir-reqqa kollha qgħadt infittex it-tagħrif:***
Kemm infittex bir-reqqa dwar il-veritajiet tal-fidi tiegħi? Fl-għaġla tal-ħajja ta' kuljum, kemm nieqaf nirrifletti fuq dak kollu li jiġrili fil-ħajja? Infittex li ngħarbel sew il-fatti qabel ma nagħmel ġudizzji fuq persuni, ċirkostanzi, jew ideat?

***Kif kien imdorri jagħmel nhar ta' Sibt:***
X'sehem għandha r-relazzjoni tiegħi ma' Alla f'ħajti? Hija biss drawwa jew parti integrali minn ħajti? Kemm niddedika sforz sinċier għat-talb?

***Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin:***
Hemm xi aspett f'ħajti li għandu bżonn il-ħelsien tal-Mulej? Hemm oġġetti, persuni, jew ċirkostanzi li jien skjav tagħhom? Fl-aġir tiegħi lejn l-oħrajn, qiegħed nikkontribwixxi biex huma jitilfu l-ħelsien tagħhom?

***Bagħatni nwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin:***
Kemm infittex li nwassal bxara tajba lill-oħrajn? Kemm għandi qalb ġeneruża? Kemm ngħin lill-proxxmu tiegħi?

***Bagħatni nwassal d-dawl mill-ġdid lill-għomja:***
Kif nara d-dinja ta' madwari? Hemm aspetti mdallma f'ħajti li għandhom bżonn id-dawl tal-Mulej? Kemm infittex li nwassal id-dawl lil ħaddieħor?

***Bagħatni nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej:***
Kif se ngħix din is-sena ta' ġublew? Kif se ngħix it-tama f'ħajti? Kif se nkun pellegrin tat-tama?

***Din il-kitba seħħet illum:***
Kemm nuża l-Iskrittura biex iddawwal l-illum tiegħi? X'post għandha l-Kelma ta' Alla f'ħajti? Alla kif ħadem f'ħajti matul is-snin?

# *Oratio*

**Salm 119:105-112**

105 Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek,
u dawl fil-mogħdija tiegħi.
106 Ħlift, u rrid inżomm kelmti,
li nħares id-digrieti ġusti tiegħek.
107 Ninsab imnikket għall-aħħar, Mulej;
agħtini l-ħajja skont il-kelma tiegħek.
108 Ilqa', Mulej, il-qima ta' fommi,
u għallimni d-digrieti tiegħek.
109 Ħajti dejjem fit-tiġrif,
imma qatt ma ninsa l-liġi tiegħek.
110 Il-ħżiena nasbuli x-xibka,
imma jien ma warrabtx mill-preċetti tiegħek.
111 Il-preċetti tiegħek wirti għal dejjem;
huma l-għaxqa ta' qalbi.
112 Inħajjar 'il qalbi biex tħares il-kmandamenti tiegħek,
għal dejjem u sal-aħħar.

# *Contemplatio*

***Illum:***

Din il-kelma tiġbor it-twettiq tal-profeziji passati fil-persuna ta' Ġesù. F'dan l-illum titwettaq l-Iskrittura. F'dan l-illum, Kristu jidħol fis-sinagoga ta' qalbi biex ixandar l-aħbar it-tajba lill-faqar tal-ħsieb tiegħi; lis-sentimenti tiegħi li huma priġunieri tax-xewqat dgħajfa tiegħi; lill-mod kif nara l-ħajja, spiss imċajpar mill-vista qasira tiegħi u d-dlamijiet tiegħi. Ġie jħabbarli sena ta' grazzja, ta' konverżjoni, ta' barka. Mulej, jalla l-illum tiegħi jkun tiegħek biex f'ħajti ma taqax kelma waħda minn kliemek għalxejn; biex kliemek jinżera' fil-kesħa ta' qalbi; biex kliemek jarmi u jrodd il-frott mal-ewwel sinjali tar-rebbiegħa.

# “Jiena ttamajt fil-kelma tiegħek

Salm 119, 74

## Adorazzjoni Ewkaristika bi tħejjija għall-Ħadd il-Kelma ta’ Alla 2025

*Innu għal waqt l-Espożizzjoni*

**Vista lil Ġesù Ewkaristija**

Verb etern, li sa minn dejjem
int fil-glorja ma’ Missierek,
ħlaqt ’l Adam u tajtu l-ħajja,
biex ikun ix-xbieha tiegħek.

***Missierna, Sliema, Glorja***

Għad li l-għadu minn ġos-siġra
qarraq bih u biegħdu minnek,
inti ma ċħadtlux imħabbtek,
imma nżilt f’din l-art biex tfittxu.

***Missierna, Sliema, Glorja***

U ħadt fuqek dan laħamna,
int, il-Kelma sa minn dejjem,
biex laħamna jisma’ leħnek
ħalli jfur mill-ġdid bil-ħajja.

***Missierna, Sliema, Glorja***

Tagħna tkun it-tama Kelmtek,
l-għajn waħdiena ta’ kull barka,
xmara ħajja dejjem tnixxi
f’dawk il-qlub li biss fik jemmnu.

***Missierna, Sliema, Glorja***

Glorja w sebħ, o Kelma t’Alla
mill-Missier bla heda mlissna,
biex, imdawla mill-Ispirtu,
niksbu t-tama fik imwiegħda.
Ammen.

***Missierna, Sliema, Glorja***

Skont il-fehma tal-Papa:

***Missierna, Sliema, Glorja***

Sa mis-sena 2020, il-Knisja tiddedika t-Tielet Ħadd Matul is-Sena għall-Kelma ta’ Alla billi tpoġġiha fiċ-ċentru bħala tali, mhux sempliċiment għax siltiet mill-Bibbja jinqraw bħal f’kull quddiesa oħra, imma billi tiffoka fuq dan id-djalogu kostanti bejn Alla u l-Poplu tiegħu li jseħħ proprju permezz tal-Kelma mħabbra, milqugħa, mixtarra, u mgħixa. Hekk kif ninsabu fl-ewwel ġimgħat tal-Ġublew li għandu t-Tama bħala l-fus tiegħu, it-tema magħżula għal Ħadd il-Kelma ta’ Alla ta’ din is-sena hija frażi meħudha minn Salm 119 (v. 74): “Jiena ttamajt fil-kelma tiegħek.” Imma xi tfisser b’mod konkret din it-tama fil-Kelma ta’ Alla? Għalfejn nistgħu nittamaw fil-Kelma ta’ Alla? Kif nistgħu naslu fil-konkret biex nagħmlu l-att ta’ fiduċja f’Kelmet Alla għalina?

*Adorazzjoni fis-skiet.*

Ejjew infaħħru lill-Mulej permezz ta' siltiet minn Salm 119 billi flimkien inwieġbu: ***Jien f'Kelmtek nittama, Mulej!***

> 65Ġid għamilt mal-qaddej tiegħek,
> Mulej, skont il-kelma tiegħek.
> 66Fehma tajba u għerf għallimni,
> għax jien nemmen fil-kmandamenti tiegħek. ***R/.***
>
> 67Qabel ma għakkistni, jien kont fl-iżball;
> imma issa nħares il-kelma tiegħek.
> 68Twajjeb int, u l-ġid tagħmel;
> għallimni l-kmandamenti tiegħek. ***R/.***
>
> 73Idejk għamluni u sawruni;
> fehemni u għallimni l-kmandamenti tiegħek.
> 74Jarani u jifraħ min għandu l-biża' tiegħek,
> għax jiena ttamajt fil-kelma tiegħek. ***R/.***
>
> 75Jien naf, Mulej, li ġusti d-digrieti tiegħek;
> u li skont is-sewwa għakkistni.
> 76Tkun it-tjieba tiegħek il-faraġ tiegħi,
> skont il-wegħda li għamilt mal-qaddej tiegħek. ***R/.***

Salm 119 huwa l-itwal wieħed fost il-150 salm, u huwa maqsum fi 22 taqsima ta' tmien versi-l waħda, li lkoll b'xi mod jew ieħor iduru madwar il-ħarsien tal-Kelma tal-Mulej u l-kenn li din toffri għal min iħarisha, il-faraġ li l-imnikket u l-imġarrab isib fiha, il-leħen li jikseb dak ta' qalbu muġugħa jew imnikkta. Fil-katekeżi tiegħu dwar it-tama nhar it-22 ta' Marzu 2017, il-Papa Franġisku fakkarna li "l-Kelma ta' Alla, qabelxejn, twassalna biex nixħtu ħarsitna fuq Ġesù, biex insiru nafuh aħjar u nitwaħħdu miegħu, biex nixbhu dejjem iżjed lilu … Il-Kelma turina li l-Mulej hu tabilħaqq "Alla, li minnu ġej kull sabar u faraġ," li jibqa' dejjem fidil għal imħabbtu lejna, jiġifieri li hu perseveranti fl-imħabba magħna, ma jegħja qatt iħobbna! Hu perseveranti: iħobbna dejjem! U jieħu ħsieb tagħna, jiksi l-ġrieħi tagħna biż-żegħila tat-tjieba tiegħu u tal-ħniena tiegħu, jiġifieri jfarraġna. Lanqas jegħja qatt ifarraġna."

*Adorazzjoni fis-skiet.*

Mulej Ġesù, aħna se nilqgħu din l-istedina u, fid-dawl tal-Kelma tiegħek li tiġi mwassla lilna, se nħarsu lejk sabiex bil-ħarsa tiegħek fuqna tgħarrafna dejjem iżjed min inti. Tgħarrafna min inti fil-verità għax hu fl-għarfien tal-Kelma ta' Alla li tassew nistgħu ngħidu li qed insiru nafuk. Qatt ma nistgħu nsiru nafuk għal kollox għax inti Alla infinit li mkien ma jesgħek. Imma fl-istess ħin int tinfetaħ quddiemna beraħ bħal ktieb li nistgħu narawh kollu u ngħożżuh, ukoll jekk moħħna qatt mhu se jasal li jitgħallmu u jaħżnu kollu fil-memorja tiegħu.

U f'din il-ħarsa tagħna fuqek u tiegħek fuqna, iktar u iktar nagħrfu kemm tassew hija kbira l-fedeltà tiegħek lejna, minkejja li mhux dejjem inkunu fidili lejk aħna. Għalhekk, ma nistgħux ma rroddulekx ħajr għax f'Kelmtek nistgħu ngħidu li nsibu ruħna d-dar, f'postna, milqugħa u maħbuba, imfarrġa u mħaddna, imma wkoll imsaħħa u mqawwija f'qalbna biex ma neħlux imma nimxu 'l quddiem għax Kelmtek hija verità, u l-verità hija dawl li jikxef dak li fina hu dlam jew tebgħa sabiex fin-nar tal-ħniena u l-ġustizzja tiegħek jissaffa u nsiru offerta li togħġbok.

Din hija t-tama li tagħtina permezz ta' Kelmtek, anzi li tagħtina inti, li inti l-Kelma ta' Alla magħmula laħam u t-Tama waħdanija tagħna. Huwa għalhekk li fil-Kelma miktuba tiegħek nagħrfu li nistgħu nafdawk u nintelqu għal kollox f'idejk għax inti se tmexxina tul toroq li, imqar jekk jgħadduna minn widien mudlama, żgur li se jwassluna għall-għaqda sħiħa miegħek, it-tama aħħarija tagħna u l-istess skop tal-ħajja tagħna.

*Jitkanta innu Ewkaristiku.*

Fl-istess Salm 119, li tpoġġa quddiemna biex bih nikkontemplaw il-misteru ta' Kelmtek fid-dawl tat-tama, insibu xi mistoqsijiet li jolqtu fil-laħam il-ħaj ta' dak li nitħabtu miegħu ta' kuljum jew li jaqtgħalna qalbna bla ma jagħtina nifs:

> 9Kif jista' żagħżugħ jimxi safi fi triqtu?
> 82Għejew għajnejja jistennew il-wegħda tiegħek;
> u jien nistaqsi: "Meta se tfarraġni?"
> 84Kemm se jdum jistenna l-qaddej tiegħek?
> Meta se tagħmel ħaqq minn dawk li jħabbtuni?

Minkejja dawn il-mistoqsijiet konkreti u għadd bla qies ta' diffikultajiet li bħalna s-Salmista jħabbat wiċċu magħhom, xorta waħda jibqa' ma jitlifx it-tama tiegħu fil-Kelma tiegħek għax l-istess Kelma ġġarrbu u ddewwih, tniżżlu fil-widien ta' dlam il-mewt u tgħollih fl-ogħla dawl li jagħmi bid-dija tiegħu għax huwa d-dawl tiegħek. Imma, għax hu hekk qawwi, id-dawl tiegħek jasal permezz tal-Kelma tiegħek bħala musbieħ li d-dawl bati tiegħu huwa biżżejjed biex jurina l-pass li tridna nagħtu filwaqt li teħlisna mill-preokkupazzjonijiet dwar dak kollu li jista' hemm jistenniena.

Għalhekk, Mulej Ġesù, se nkomplu nfaħħruk permezz ta'
Salm 119 billi mill-ġdid nerġgħu nwieġbu:
***Jien f'Kelmtek nittama, Mulej!***

> 105 Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek,
> u dawl fil-mogħdija tiegħi.
> 106 Ħlift, u rrid inżomm kelmti,
> li nħares id-digrieti ġusti tiegħek. ***R/.***
>
> 107 Ninsab imnikket għall-aħħar, Mulej;
> agħtini l-ħajja skont il-kelma tiegħek.
> 108 Ilqa', Mulej, il-qima ta' fommi,
> u għallimni d-digrieti tiegħek. ***R/.***
>
> 109 Ħajti dejjem fit-tiġrif,
> imma qatt ma ninsa l-liġi tiegħek.
> 110 Il-ħżiena nasbuli x-xibka,
> imma jien ma warrabtx mill-preċetti tiegħek. ***R/.***
>
> 111 Il-preċetti tiegħek wirti għal dejjem;
> huma l-għaxqa ta' qalbi.
> 112 Inħajjar 'il qalbi biex tħares il-kmandamenti tiegħek,
> għal dejjem u sal-aħħar. ***R/.***

***Jitkanta innu Ewkaristiku.***

Fl-Eżortazzjoni Apostolika Post-Sinodali *Verbum Domini,* il-Papa Benedittu jfissrilna kif "Il-Verb ta' Alla tana l-ħajja divina li tibdel il-wiċċ tal-art, u ġġedded kollox" (ara Apok 21, 5). Il-Kelma tiegħu tmissna mhux biss bħala destinatarji tar-Rivelazzjoni divina, imma wkoll bħala x-xandara tagħha. Hu, il-mibgħut mill-Missier biex iwettaq ir-rieda tiegħu (ara Ġw 5, 36-38; 6, 38-40; 7, 16-18), jiġbidna lejh u jdaħħalna fil-ħajja u l-missjoni tiegħu. Hekk l-Ispirtu tal-Irxoxt iseddaq lil ħajjitna għax-xandir effikaċi tal-Kelma fid-dinja kollha." (par. 91)

B'din it-tama ċerta li tagħtina l-Kelma ta' Alla, imma wkoll b'sens ta' responsabbiltà bħala dixxipli missjunarji, pellegrini li jġorru t-Tama l-kbira magħhom kullimkien, ejjew induru lejn il-Mulej u nitolbuh jismagħna.

- Kompli qaddes il-Knisja sabiex, bħala l-Għarusa tal-Kelma, tgħożż il-Kelma tiegħek f'qalbha ħalli tkun tista' twassalha tbaqbaq u kollha mħabba lill-bnedmin kollha. **Nitolbu.**
- Seddaq lil dawk kollha fdati bil-ministeru tat-tħabbir tal-Kelma tiegħek—isqfijiet, saċerdoti, djakni, letturi, katekisti, għalliema, lajċi oħra impenjati—sabiex l-ewwel u qabel kollox ifittxu li jgħixu u jħarsu huma l-Kelma tiegħek biex hekk ix-xhieda tagħhom tkun iktar awtentika. **Nitolbu.**
- Aħji bil-Kelma tiegħek lil dawk li jinsabu mixħuta fit-trab tad-dnub u l-vizzju, jew jinsabu maqbuda f'sitwazzjonijiet li jidhru bla tama, jew li d-dinjità tagħhom hija kkalpestata u mżebilħa. **Nitolbu.**
- Permezz ta' Kelmtek, uri triqatek lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna, b'mod speċjali dawk li għażilthom u qed issejħilhom sabiex jissieħbu fil-ministeru tal-Kelma tiegħek, ħalli ma jibżgħux ipoġġu t-tama tagħhom fil-fedeltà dejjiema tiegħek, li qatt ma tqarraq. **Nitolbu.**
- Dawwal bl-Ispirtu Qaddis tiegħek lil dawk li jistudjaw il-Kelma tiegħek sabiex jersqu lejha b'qalb miftuħa biex tkun hi stess li tagħtihom id-dawl u tfehimhom dak li għadhom ma jafux ħalli fil-qsim tal-għarfien tagħhom iwasslu kliem li jagħti tama. **Nitolbu.**
- Permezz tal-Kelma tiegħek, erfa' lil dawk li huma mifnija bin-niket u ħarisna milli nitqarrqu mill-ħafna frugħat li jrossu fuqna minn kull naħa. **Nitolbu.**
- Tħallix li jitlaq minn fommna kliem is-sewwa, l-aktar f'dawk is-sitwazzjonijiet li jpoġġuna f'kunflitt personali bejn l-appartenenzi u r-rabtiet tagħna u l-valuri ta' Kelmtek li huma tant għeżież għalina. **Nitolbu.**
- Ftakar fil-kelma li tajt lill-qaddejja tiegħek, li biha inti ttamajthom, u agħti l-mistrieħ ta' dejjem lil ħutna l-mejtin. **Nitolbu.**

Mulej, aħna għandna tama kbira fil-Kelma tiegħek; għal dejjem tibqa', u fis-sod fis-smewwiet hi mwaqqfa. Ilqa', għalhekk, dawn it-talbiet tagħna ħalli s-sehem għażiż tagħna jkun verament li nħarsu l-Kelma tiegħek. Inti li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.